



Il-Kummissjoni Ewropea

IL-LOGO ORGANIKU: IKEL BI PRINĊIPJI




Il-biedja organika għandha l-għan li tipproduċi ikel b'mod l-aktar naturali possibbli filwaqt li tnaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq l-ambjent. Tigarantixxi wkoll standard għoli ta' trattament xieraq tal-annimali.

Il-prodotti organiċi kollha jgħaddu minn bosta stadji qabel ma jaslu fuq il-platt tiegħek. Mill-għalqa sal-platt, il-leġiżlazzjoni Ewropea tigarantixxi li l-ikel ittikkettat b'hal organiku jkun ġie prodott, ipproċessat, immaniġġjat u distribwit f'konformità ma' standards speċifiċi.

Il-logo organiku jagħti identità viżwali koerenti lill-prodotti organiċi prodotti u mibjugħa fl-UE. Jagħmilha aktar faċli għall-konsumaturi bbażati fl-UE biex jidentifikaw il-prodotti organiċi u jgħin lill-bdiewa jikkummerċjalizzawhom fil-pajjiżi tal-UE kollha.



Il-produzzjoni ttrirrispetta n-natura



L-annimali tar-razzett jitrabbew f'ambjent bi standards ogħla ta' trattament xieraq tal-annimali u jieklu għalf organiku



Kwalità tal-ikel ċertifikata



L-ebda GMO



Riżorsi u għarfien lokali



Limitazzjonijiet fuq l-użu ta' pestiċidi u fertilizzanti kimiċi, antibijotiċi



L-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali